MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru. 730/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Mark Pace**

**Kumpilazzjoni Nru: 730/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Pace ta' 39 sena, bin Anthony u Giovanna nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fil-21 ta' Dicembru, 1969, u residenti fil-fond numru 30 Triq il-Mithna, Hal-Qormi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 87770(M).

1. Akkuzat talli fl-24 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tat-08:00pm gewwa Pjazza Federico Maempel Hal-Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' Sina

Fenech fil-periklu, izda bil-hsieb li jaghmel delitt, liema delitt huwa ta' hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Sina Fenech, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lill-istess Sina Fenech, feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Glen Micallef MD Reg. 5139 gewwa l-iSptar Mater Dei;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, kkaguna lil istess Sina Fenech, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura ta' l-ghamla Honda Integra bin-numru tar-registrazzjoni GBB 284 b' manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

5. U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' bejn it-8:30pm u d-9:00pm gewwa Nru. 30 Triq il-Mithna, Hal-Qormi bi kliem insolenta u hedded lil diversi membri tal-Korp tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm, garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta', jniggez u bil-ponta, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi ordnijiet legittima moghtija lilu minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati mill-Ligi u

minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu l-qadi ta' dmirijiethom;

9. U aktar talli fl-24 ta' Lulju, 2009 ghall-habta ta' bejn it-8:00pm u d-9:00pm f' dawn il-gzejjer, naqas min li jhares diversi digrieti li bihom inghata l-helsien mill-arresti.

Il-Qorti, giet wkoll mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, b' zieda mal-piena, tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 95, 96, 216, 221, 251B, 338(ee) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 8 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna zewg incidenti principali li sehhew nhar l-24 ta' Lulju 2009. L-ewwel incident sehh meta, waqt li l-imputat kien qed isuq f' Pjazza Federico Maempel Hal-Qormi, baqa diehel f'railing tal-hadid u tela' fuq il-bankina vicin ta' kiosk fejn kien hemm anke mwejjed u siggijiet fejn jistghu ipoggu n-nies; l-imputat ma baqax fuq il-post ta' l-incident, abbanduna l-vettura u mar lejn id-dar. It-tieni incident sehh ftit tal-hin wara, fir-residenza ta'l-imputat. Peress li l-imputat telaq minn fuq il-post ta' l-incident wara li habta bil-karozza, il-pulizija marru jfittxuh biex ikomplu jinvestigaw dak il-kaz; ghalkemm kien qieghed id-dar l-imputat ma riedx jinzel biex ikellem lill-

pulizija. Eventwalment accetta li s-Supretendent Sandro Gatt, wahdu, jidhol fid-dar; is-Supretendent hekk ghamel pero waqt li kien hemm dehrlu li l-imputat kien ta' perikolu ghalih innifsu u ghal ta' madwaru, ghalhekk sejjah ghall-ghajnuna tal-kollegi tieghu li kienu qeghdin barra d-dar ta'l-imputat li, wara l-intervent ta' numru ta'pulizija ohra u l-uzu ta' taser gun, spicca arrestat. L-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat permezz tal-proceduri odjerni jikkoncernaw dawn iz-zewg incidenti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel erbgha imputazzjonijiet jikkoncernaw l-ewwel incident. Permezz taghhom l-imputat qed jigi addebietat: b'attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Sina Fenech; b'offiza hafifa fuq il-persuna ta' Sina Fenech; li kkawza lill-imsemmija Sina Fenech biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew l-propjeta taghha; u b' sewqan perikoluz, traskurat u bla kont.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet tressqu bhala xhieda l-imsemmija Sina Fenech u xi persuni ohra li kienu prezenti fil-post fil-hin ta'l-incident.
Illi Sina Fenech tghid li hija kienet bil-qeghda hdejn il-gabbana meta rajt karozza gejja; hi tkompli tghid li "*rajt karozza gejja, kont bil-qeghda … inhsadt, ingbidt lura, waqajt u spiccajt ma'l-art*". Mitluba tispjega ahjar Fenech qalet li "*x'hin rajt il-karozza gejja, bil-qatgha li hadt bhal speci intfajt lura … u bil-biza' bhal speci waqajt ma'l-art*". Fenech tghid ukoll li l-karozza "*telghet naqra fuq il-bankina*".

Illi xehed certu Anthony Bartolo; mistoqsi x'gara jghid hekk: "*filli kont qed niehu xi haga, hekk, filli dahlet karozza, marrlu s-shaft, dik biss li marlu s-shaft. Ghax ittawwalna mbaghad ahna u marlu s-shaft u dahal hemm*". Ghandu jigi rilevat li fid-depozizzjoni ta' dan Bartolo tispikka l-insistenza tieghu li, f'kwazi f'kull twegiba, irrispettivament x'kienet id-domanda, isemmi s-shaft maqluh.

Illi Emanuel Mangion, jghid li huwa ma kienx hemm fil-hin ta' l-incident pero mar ftit wara u meta wasal sab vettura mdahhla fil-hadid (ir-railing li hemm fuq il-bankina). Anke dan ix-xhud jinsisti li huwa ra s-shaft maqlugh u zejt taht il-karozza.

Illi xehed ukoll Carmel Mangion (hu Emanuel) li fil-hin ta' l-incident kien qieghed fil-gabbana. Dan jghid li f'xi hin sema hoss, hareg u ra karozza mdahhla fil-hadid (ir-railing) pero jghid li meta hareg ma ra lil hadd fil-karrozza, u ma ra lil hadd imwegga; l-unika haga ohra li jghid hi li dehrlu li n-nies bdew jghidu li nqasam is-shaft.

Illi b'referenza ghal dawn id-depozizzjonijiet l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet. Fil-waqt li Sina Fenech u Anthony Bartolo kienu riluttanti hafna biex jaghtu d-depozizzjoni taghhom, dawn l-istess persuni u x-xhieda l-ohra fuq imsemmija gew biex jghidu dak li kellhom f'mohhhom aktar milli biex jirrispondu l-mistoqsijiet li sarulhom. In oltre kull wiehed minn dawn il-persuni qal affarijiet differenti minn meta tkellmu mal-pulizija immedjatement wara l-incident.

Illi Emanuel Mangion lill-pulizija kien qallhom li hu kien qieghed fil-genb tal-pjazza u ra lill-imputat jargumenta ma' certu Patrick Mangion; Emanuel Mangion sejjah lil Patrick Mangion billi qallu "*ejja 'l hawn*" u meta sema' hekk l-imputat qal "*il-lejla naghmel xi wahda u noqtol it-tfal kollha li hemm hdejn l-iskola*" u wara qal hekk, l-imputat saq il-karozza u baqa diehel fuq in-nies li kien hemm jiehdu drink. Meta xehed quddiem din il-Qorti Emanuel Mangion qal li hu ma kienx hemm fil-hin ta'l-incident u ma semma' xejn dwar dik il-konverzazzjoni li sema'. Tajjeb li jigi rilevat li Patrick Mangion ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Illi Sina Fenech lill-pulizija qaltilhom li hija kienet qeghda bil-qeghda tiehu drink, rat vettura gejja ghal fuqha u fil-fatt giet milquta mill-vettura; quddiem din il-Qorti Fenech qalet li l-vettura ma laqtitiex u li waqat ghax ingibdet lura. Anthony Bartolo qal lill-pulizija li huwa kien qieghed bil-wieqfa jitkellem ma' Sina Fenech meta ra lill-imputat gej

lejn id-direzzjoni taghhom; meta hareg mill-vettura l-imputat qal "*ara marli s-shaft*" u telaq jigri 'l hemm.

Illi l-Qorti ma tistax tistrih fuq dak li qalu dawn ix-xhieda lill-pulizija bhala prova imma necessarjament ghandha toqghod biss fuq dak li jghidu dawk l-istess psersuni viva voce waqt id-depozizzjoni taghhom. Naturalment id-diskrepanza fil-verzjonijiet mghotija tista' tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-evalwazzjoni tal-kredibilita taghhom.

Illi hemm fatturi ohra li jimpingu fuq il-kredibilita ta' dawn il-persuni u fuq kemm ghandha mis-sewwa l-verzjoni taghhom mghotija quddiem din il-Qorti.

Illi zgur li fattur importanti hafna huwa r-rapport ta'l-espert Joe Zammit u l-konkluzzjonijiet minnu raggunti fil-kors ta' inkjesta mizmuma dwar dan l-incident. L-imsemmi espert, wara li ghamel access fil-post fejn kien ghad hemm il-vettura, u wara li kellu l-opportunita jezamina l-imsemmija vettura u jaghmel xi testijiet fuqha, ikkonkluda li "*mal-habta soda ntlaqtet ir-rota ta' quddiem tan-naha tax-xellug u* ***b'l-istess daqqa gie spustjat il-half shaft ta' dik in-naha*** *….* ***B'l-istess daqqa ix-shaft gie spustjat***[1] *hareg minn postu fis-CV Joint, imdendel kemm ma jmissx ma' l-art…. Ma stabu l-ebda provi li dan ix-shaft baqa' jdur hekk imdemdel… b'l-istess daqqa u hsara li garrbet din il-karozza fuq quddiem … garrbet ukoll hsara fir-roof panel lejn in-nofs fuq ix-xellug billi dan istab imbewwaq u maqrus*".

Illi minn dan ir-rapport huwa car li l-incident ma sehhx minhabba li inqasam is-shaft, anzi dan ir-rapport juri li s-shaft inqasam bhala konsegwenza ta'l-impatt tal-vettura mar-railing. In oltre, u mir-rittratti esebiti, jihder car li l-vettura ta'l-imputat baqghet diehla fil-parti fejn ikun hemm in-nies bil-qeghda u fil-fatt rikbet il-bankina kompletament u mhux (kif qalet Sina Fenech) telghet naqra fuq il-bankina.

[1] Sottolinear tal-Qorti.

Illi aktar minn hekk huwa l-istess imputat li jgiddeb lil dawn il-persuni li taw id-depozizzjoni taghhom. F'l-istqarrija tieghu huwa jammetti li kellu argument ma' Patrick Mangion (ghalkemm Emanuel Mangion ma rega' semma' xejn dwar dan l-argument) u li sahansitra "*fetah idu u laqtu f'ghajnejh*". Jammetti ukoll li wara l-incident huwa kellem lil sid il-gabanna (li huwa jew Carmel Mangion jew Emanuel Mangion[2]). Minkejja din l-ammissjoni Carmel Mangion jghid li meta huwa hareg mill-gabbana ma kienn hemm hadd, u Emanuel Mangion jghid li huwa lanqas biss kien fuq il-post fil-hin ta'l-incident.

Illi tenut kont ta' dan l-Qorti hija konvinta li ghar-ragunijiet taghhom, meta kienu qed jiddeponu, kemm Sina Fenech kif ukoll Bartolo u zewg ahwa Mangion ghazlu li ma jghidux dak kollu li kienu jafu fuq l-incident. Minkejja dan pero, minn dak il-ftit li qalu, minn dak li qal l-imputat meta rrilaxja l-istqarrija, mill-kostatazzjonijiet li saru mill-espert Joe Zammit u mill-provi l-ohra bhal m'huma ir-ritratti tal-karozza fuq il-post ta' l-incident u l-pjanta li ghamel il-perit Aquilina jista' jigi stabbilit li ftit qabel l-incident u f'l-istess post fejn sehh l-incident de quo l-imputat kellu argument ma' Patrick Mangion (argument li kien jinvolvi kuntatt fiziku), li l-habta ma sehhitx minhabba xi diffett mekkaniku fil-vettura, li l-impatt kien wiehed qawwi tant li bhala rizultat inqasam is-shaft u anke r-roof panel tal-vettura garrbet hsarat.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat dwar dan l-incident hija dik ta' attentat ta' ferita gravi a dannu ta' Sina Fenech.

Illi kien hemm zmien meta kien hemm opinjonijiet kunfliggenti dwar jekk jistax jissusti r-reat tenttativ ta' offiza gravi. Tant l-Professur Sir Anthony Mamo ghid li:

---

[2] Mid-depozizzjoni ta' dawn iz-zewg persuni mhux car liema wiehed minnhom hu sid il-gabbana.

*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*

Illi pero hu jirrizolvi din il-kwostjoni tant li jkompli jghid li:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat fil-Qrati taghna tant li l-Qorti ta'l-Appell Kriminali wara li tikkwota awturi Taljani tghallem li:

*… jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.*[3]

Illi permezz ta' din l-ewwel imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat baqa diehel fuq il-bankina b'l-intenzjoni sepcifika li jikkawza griehi fuq il-persuna ta' Sina Fenech.

Illi pero mill-provi propdotti din l-intenzjoni ma tirrizultax. Huwa minnu li l-imputat kellu argument ma' Patrick Mangion ezatti qabel il-habta u li kien irriabjat, pero dan biss, fin-nuqqas ta' prova ammissibbli tad-diskors li sar mill-imputat lil Patrick Mangion, mhux prova sufficjenti ta' l-element intenzjonali rikjest biex jissussuti ir-reat in

[3] Ref Republika vs Domenic Briffa deciza 16.10.2003.

ezami. Konsegwentement din l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Sina Fenech.

Illi m’hemmx dubbju li f’dan l-incident Sina Fenech soffriet griehi hfif, hekk kif m’hemmx dubbju li dawn il-griehi Fenech soffriethom ghaliex intlaqtet mill-vettura ta’ l-imputat. Pero waqt l-udjenza mizmuma fit-3 ta’ Awissu 2009[4] l-imsemmija Sina Fenech iddikjarat li qed tahfer lill-imputat u li ma kellha l-ebda interess f’dawn il-proceduri; dan jammonta ghall-irtirar tal-kwerela.

Illi ghalhekk il-Qorti necessarjament ghandha tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta’ din it-tieni imputazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li b’l-agir tieghu kkawza lil Sina Fenech biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha, cioe r-reat ravvizat f’l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Qorti ta’l-Appell Kriminali ghamlet ezami dettaljat ta’l-elementi materjali ta’ dan ir-reat fis-sentenza mghotija fil-kawza f’l-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis[5]; dik il-Qorti qalet hekk:

*Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta’ incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: “A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions.”*

[4] Ref verbal a fol 137.
[5] Deciza 24.04.2009.

*L-artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear* ***on each of those occasions***[6]*". Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra".*

*Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct. It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday*". ………..

*……… Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed … ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun*

---

[6] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell.

*giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.*

Illi provi prodotti fil-proceduri odjerni, ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni issa in ezami, tressqu provi dwar incident wiehed biss; ghalhekk huwa car li huwa nieqes wiehed mill-elementi essenzjali, cioe il-*course of conduct,* rikjest biex jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 251B*.* F'dawn ic-cirkostanzi din it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dwar sewqan b'manjiera perikoluza, bla kont u negligenti.

Illi huwa ben stabbilit li "*sewqan traskurat hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. … Sewqan bla kont … jikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi s-sitwazzjoni fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilta ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll il-kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan ikun ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz* ***inkluz l-hin u l-lokalita ta'l-incident u l-prezenza o meno*** *ta' traffiku iehor jew* ***ta' nies ghaddejjin bir-rigel***[7]*"*[8]

Illi l-imputat jinsisti li huwa habat ghaliex inqasam is-shaft tal-karrozza u konsegwentement tilef il-kontroll; ghar-ragunijiet fuq esposti m'hemmx dubbju li dan mhux minnu u mhux hekk graw l-affarijiet.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta ex admissis li meta l-imputat kien qed isuq kien ghadu kif kellu argument ma' certu Patrick Mangion hemmhekk fuq l-istess post ta'l-incident; jirrizulta li ma kien hemm l-ebda diffett mekkaniku fil-karozza; jirrizulta ukoll li l-impatt kien wiehed qawwi fatt

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Ref Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deciza 06.05.1997 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

indikattiv ta’ certu velocita. Tenut kont ta’ dan, u tenut kont tal-fatt li l-incident sehh propju hdejn gabbana fejn ikun nies bil-qeghda jieklu u jixorbu, il-Qorti bil-fors ghandha tikkonkludi li l-incident kien rizultat tan-nuqqas ta’ osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti ta’ l-imputat u, f’l-ahjar ipotezi ghall-imputat, ghall-indifferenza tieghu ghall-perikolu car li s-sewqan tieghu kien qed jikkomporta ghan-nies li kien hemm fil-post ta’ l-incident. Dan jikkostitwixxi sewqan perikoluz b’mod li r-raba imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat jikkoncernaw sensiela ta’ avvenimenti li sehhew meta huwa lahaq mar id-dar tieghu.

Illi kif diga ntqal malli l-imputat hareg mill-vettura wara li sehh l-impatt hdejn il-gabbana telaq minn fuq il-post u baqa’ sejjer id-dar; huwa jiggustifika dan l-agir billi jghid li kien marbut b’kundizzjonijiet, imposti mill-Qorti ma’l-ghoti ta’ helsien mill-arrest, u a bazi ta’ dawn il-kundizzjonijiet kellu jkun id-dar sat-tmienja ta’ fil-ghaxija.

Illi meta l-pulizija marru fuq il-post ta’ l-ewwel incident (il-habta) u bdew jinvetsigaw mill-ewwel setghu jikkonkludu li kien l-imputat li kien qed isuq il-vettura. Ghalhekk, u kif jigri f’kull kaz fejn isehh incident, huma bdew ifittxu lill-imputat bhala persuna involuta f’l-incident li kienu qed jinvestigaw. Huwa naturali li l-ewwel post li jftixxu lill-imputat kien fir-residenza tieghu.

Illi l-ewwel pulizija li waslu hemm kienu f’zewg karozzi tal-mobile squad; fosthom kien hemm l-Ispettur Anthony Agius. Huwa ra lill-imputat fil-gallerija tad-dar qed ipejjep, pero wara ftit l-imputat dahal gewwa u tela’ fuq il-bejt; tul dan il-hin il-pulizija kienu qed jghajjtu lill-imputat biex jinzel ha jkellmuh pero hu irrifjuta. F’xi hin meta l-imputat kien qieghed fuq il-bejt harget anke ommu u bdiet tghid lil pulizija biex imorru ‘l hemm ghax l-imputat ma kienx qieghed sew ghax kien bela xi pilloli u li kienet ser issir xi storja. L-Ispettur Agius spjegalhom li kien essenzjali li

jkellmu lill-imputat fuq l-incident li kien sehh, partikolarment in vista tal-fatt li kien wegga' xi hadd, pero l-imputat baqa' jirrifjuta. Lahqu gew pulizija ohra, u sadattant l-imputat ghadu fuq il-bejt, flimkien ma' ommu, jirrifjuta li jinzel ikellem lill-pulizija. Ghandu jigi rilevat li skond l-Ispettur Agius issa anke omm l-imputat bdiet tghidlu biex jinzel pero hu xorta baqa jirrifjuta. Din is-sitwazzjoni damet sejra xi tlett kwarti minghajr ezietu pozittiv; tul dan il-hin mhux il-pulizija kollha li rrispondew ghas-sejha tal-control room kienu qeghdin hdejn id-dar ta' l-imputat stante li hlif ghal xi tnejn jew tlieta l-pulizija baqghu, bil-vetturi taghhom, wara kantuniera. Wiehed mill-pulizija li wasal ukoll hdejn id-dar ta'l-imputat u kien qieghed hemm jipprova jikkonvinci lill-imputat jinzel kien s-Supretendent Sandro Gatt.

Illi kien hemm zblokk fis-sitwazzjoni meta omm l-imputat accettat li jidhol is-Supretendent Sandro Gatt, wahdu, id-dar biex jipprova jikkonvincih hu lill-imputat biex jinzel u jkellem lill-pulizija tad-distrett u jmur l-ghassa maghhom. Is-Supretendent Gatt tela' u sab lill-imputat bil-qeghda ma' mejda b'flixkun whisky hdejh; l-imputat kien agitat hafna tant li anke rawgha ma halqu kellu. Skond is-Supretendent Gatt fost hafna ghajjat u storbju l-imputat beda jinsisti li m'ghamel xejn, fil-waqt li hu (is-Supretendent) beda jipprova jikkonvincih jinzel mieghu. Quddiem is-Supretendent l-imputat bela' hafna pilloli bil-whisky. Anke omm u oht l-imputat bdew jippruvaw jikkonvincuh. Hin minnhom pero l-imputat dawwar in-knobs tal-cooker (cioe fetah il-gas) u beda jmexxi lighter fuq il-gas. F'dak l-istadju u f'dawk ic-cirkostanzi s-Supretendent Gatt iddecieda li kien ahjar li jsejjah ghall-ghajnuna. Niezel biex jiftah il-bieb biex ikunu jistghu jidhlu l-kollegi tieghu, fil-waqt li omm u oht l-imputat bdew jghajjruh. Fil-fatt ghadd ta' pulizija irrispondew ghas-sejha tas-Supretendent u telghu fuq ghand l-imputat flimkien mas-Supretendent Gatt li rega' tela ghand l-imputat. Sa dak il-hin l-imputat kien hareg mill-kcina, mexa go kuritur u gie f'dahla dahru mal-hajt fejn kien sodda; is-Supretendent seta' jara li l-imputat kellu xi haga f'idejh pero ma setghax jirrikonoxxi x'kienet din il-haga. Is-Supretendent baqa jinsisti li l-imputat jikkollabora

maghhom u johrog bil-kelma t-tajba pero l-imputat baqa jinsisti li le, allura inghata ordni li l-imputat jigi arrestat. L-imputat beda jirrezisti l-arrest allura kellu anke jintuza taser gun.

Illi fost il-pulizija li dahlu fid-dar ta'l-imputat wara s-sejha tas-supretedent Gatt kien hemm l-Ispettur Agius. Meta dahal l-Ispettur u tela' fuq flimkien ma' surgent u xi kuntistabbli l-imputat beda joffendihom, jheddiedhom u jghidilhom "itilqu 'l barra ghax ser inweggakom". L-Ispettur ukoll induna li l-imputat kellu xi haga f'idejh li beda jzomm f'ponn fil-waqt li jghidilhom tersqux lejja ghax inweggakom. L-Ispettur beda jghidlu biex jarmi l-oggett li kellu f'idejh imma l-imputat m'obdiex dan l-ordni. Minkejja kull tentattiv tal-pulizija biex l-imputat jarmi l-oggett li kellu f'idejh u jinzel maghhom hu rrifjuta, ghalhekk inghata l-ordni li jintuza t-taser. Is-surgent li kellu t-taser gun tah d-debieta twissija pero l-imputat baqa' jirrezisti u jghati bil-ponn; ghalhekk s-surgent ma kellu l-ebda  ghazla hlif li jipprocedi billi juza t-taser, li fil-fatt uzat.

Illi minbarra s-Supretendent Gatt u l-Ispettur Agius xehedu ukoll kull wiehed mill-pulizija involuti f'din l-operazzjoni; inkluz dawk li qaghdu barra fit-triq. Dawn id-depozizzjonijiet kollha jikkorroboraw f'l-intier l-verzjonijiet mghotija mis-Supretendent Gatt u l-Ispettur Agius. Naturalment mhux kollha jikkorroborraw lil xulxin f'kull dettal ghaliex fil-konfuzzjoni tal-mument kull wiehed minnhom mhux necessarjament ra jew osserva l-istess haga li ra u osserva l-iehor.

Illi fil-fatt kien hemm uhud mill-pulizija li osservaw ukoll sikkina. PS524 Paul Cassar jghid li ghall-ewwel li tela' fuq ghand l-imputat, wara li s-Supretendent Gatt sejjah ghall-ghajuna, hu ra li l-imputat kellu sikkina imdahhal fic-cinturin tal-qalziet man-naha ta' wara. PC345 Mark Cremona f'xi hin ra xi haga fuq kommodina mghottija b'xugaman u meta nehhew x-xugaman ra sikkina li fil-fatt giet elevata (u hija esebieta in atti).

Illi l-fatt li l-imputat kellu sikkina huwa ammess minnu stess; f'l-istqarrija tieghu hu jammetti li ghandu sett ta'

skieken imdendlin mal-hajt u li fil-hin ta' l-incident wahda minnhom (dik li giet elevata mill-pulizija u identifikata minnu bhala tieghu waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrija) kienet qeghda fuq il-kommodina propju kif qal PC345 Mark Cremona.

Illi meta l-imputat waqa wara li gie sparat it-taser (hu fil-fatt waqa fuq is-sodda) gie immanettjat u ttiehed lejn id-depot tal-pulizija fejn komplew l-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz.

Illi l-imputat jinnega li huwa b'xi mod ghamel xi haga kontra l-Ligi; jghid li kull ma ghamel kien li jirrifjuta li jmur mal-pulizija ghaliex beza minnhom. Huwa jinsisti ukoll li qatt ma nghata raguni ghalfejn kien ser jigi arrestat.

Illi dan pero mhux minnu u, minkejja l-konfuzzjoni kollha li kien hemm f'dan l-episodju, hareg car li sa mill-ewwel stadji l-imputat gie nfurmat li l-pulizija xtaqu jkellmuh minhabba l-incident li kien sehh bil-karrozza; dan l-imputat jammettih.  Anke meta l-ordni tal-pulizija inbidel fis-sens li issa l-imputat kien qed jigi mitlub mhux biss ikellem lill-pulizija imma anke jmur maghhom, hu gie infurmat li kien qed jigi rikjest jaghmel hekk minhabba dak l-incident. Dan kollu jirrizulta mhux biss mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Agius imma anke mill-istqarrija ta'l-imputat. Fil-fatt f'l-istqarrija tieghu l-imputat jghid li meta s-Supretendent Gatt qallu biex johrog mieghu hu qallu "**dan kollu ghax hbat … jien mhux ser nohrog, dawn il-pulizija kollha ghalija ghax ilqat il-bankina**" Minn dan id-diskors huwa car li l-imputat kien fehmu sew lill-Ispettur Agius meta hu (l-imputat) kien ghadu fuq il-bejt u kien jaf ghalfejn huwa kien qed jigi arrestat; il-problema kienet li fil-fehma tieghu ma kellux jigi arrestat.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fir-rigward ta' din is-sensiela ta' avvenimenti huma s-segwenti:

- theddied fil-konfront ta' diversi ufficjali tal-pulizija; ir-reat kontemplat f'l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (il-hames imputazzjoni).
- attakk u rezistenza fil-konfront tal-pulizija involuti waqt li kienu qed jagixxu f'l-esekuzzjoni tal-Ligi; ir-reat

kontemplat f'l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta (is-sitt imputazzjoni).

- Zamma ta' strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija; ir-reat kontemplat f'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta (is-seba imputazzjoni).
- M'obdiex ordni legittmu tal-pulizija; ir-reat komtemplat f'l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (it-tmien imputazzjoni).

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddid jridu jsiru, jew fil-waqt li ikun jaghmel servizz pubbliku, jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku, jew bil-hsieb li jbezzghu jew biex jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-artikolu 96, imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma l-ufficjal pubbliku, jirrikjedi tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni tar-reat hemm kontemplat. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza; disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem hekk dwar dan il-punt:

*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*.

Illi in oltre l-attakk jew resistenza iridu jkunu necessarjament akkompjanti bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid wahedhom qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht din id-disposizzjoni tal-Ligi.

Illi dwar il-vjolenza rikjesta biex ikun jista jissussisti r-reat kontempalat f'l-artikolu 96 l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-waqt li kwotat lill-Profs Mamo, qalet hekk:

*kif jghid il-Prof. Sir A. Mamo* **...** *biex jissusisti dan ir-reat kontemplat fl-art. 96 tal-Kodici Kriminali jehtieg li tkun tirrizulta l-"active force" ossia l-"via di fatto". Il-mera dizubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni legittimu tal-awtorita' ma humiex bizzejjed biex jkun hemm dar-reat. Hemm bzonn li l-insubordinazzjoni tasal sal-grad li tiffrustra jew tfixkel lesekuzzjoni tal-ligi billi topponi l-azzjoni ta' dawk inkarikati mill-esekuzzjoni tal-ligi. Hu minnu ukoll li l-istess awtur jghid:- "If, therefore a man makes opposition to a warrant of seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime…. The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty*.[9]

Illi pero l-Profs Mamo jkompli jghid li

*The slightest use of force, however, when accompanying the attack or resistance is sufficient to constitute the material element of this crime.*

Illi bhar-reat kntemplat f'l-artikolu 95, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 96 irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku: "*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*". Hija necessarja ukoll ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat li l-vittma hija ufficjal pubbliku. Aktar minn hekk l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir fil-waqt li huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Profs Mamo ighid hekk fuq dan l-aspett:

[9] Ref Pol vs Roderick Farrugia deciza fis-26.04.2007.

*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*.

Illi l-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002, inghad hekk:

*Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi flesekuzzjoni ta' dan is-servizz*".

Illi in oltre fis-sentenza Il-Pulizija vs Lawrence Attard[10] l-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet li

*Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma*

[10] Deciza fit-12.09.1996

*dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.*

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li l-pulizija li kienu involuti fid-diversi stadji ta' dan l-incident huma ufficjali pubblici u li l-imputat kien jaf li huma kienu ufficjali pubblici.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-waqt li f'l-ewwel stadju ta' dan l-episodji meta l-pulizija nvoluti kienu qed jippruvaw jipperswadu lill-imputat biex bil-kelma t-tajba jinzel minn fuq il-bejt, ikellimhom u jmur maghhom, kienu qeghdin jaghmlu servizz pubbliku fit-termini ta'l-artikolu 95, fit-tieni stadju u meta kienu dahlu fid-dar ta'l-imputat u kienu qed jippruvaw jarrestawh u anke meta nghata t-twissija qabel ma gie uzat it-taser, il-pulizija kienu qed jesegwixxu l-Ligi fit-termini ta'l-artikolu 96.

Illi mid-depozizzjoni tad-diversi pulizija jirrizulta li l-imputat heddidhom, irrezista l-arrest, u waqt li kien qed jirrezisti l-arrest huwa beda jxejjer bil-ponn u jimbutta lill-pulizija li kienu qed jippruvaw jarrestawh.

Illi tenut ta' dan kollu l-Qorti hija konvinta li gew sodisfacjentement pruvati l-hames u s-sitt imputazzjonijiet u li konsegwentement ghandha necessarjament tirrizulta ukoll it-tmien imputazzjoni cioe il-kontravvebzjoni kontemplata f'l-artikolu 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi peremzz tas-sebgha imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontemplat f'l-artikoli 3 u 8 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jipprovdi hekk:

***3.*** *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att -*
*(a) l-akkwist, il-pussess għal-liema għan ikun, iż-żamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari u l-munizzjon imsemmija fl-Iskeda I huma projbiti;*

…….

***8.*** *Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, ma tkun meħtieġa ebda liċenza għall-pussess jew iżżamma ġo xi fond ta' sikkina jew arma li taqta' jew bil-ponta li ma tkunx arma projbita skont l-artikolu 3 jew li jakkwista sikkina jew strument bħal dawk għall-istess għan.*

Illi ai fini ta'l-artikolu 3 fuq kwotat *huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor*[11].

Illi s-sikkina li kellu l-imputat fuq il-kommodina u li giet elevata u hija esebieta in atti[12] mhiex sikkina li normalment persuna jkollha fil-kcina ghal uzu domestiku ordinarju. M'hemm l-ebda dubbju li hija sikkina li ghandha bhala *skop principali taghha d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor* u li ghalhekk taqa taht definizzjoni ta' arma regolari.

Illi konsegwenement biex dik is-sikkina tinzamm mill-imputat huwa kien jehtieg licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija; jirrizulta li l-imputat ma kellux din il-licenzja.

Illi ghalhekk din is-sebgha imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ilkkunisdrat

Illi l-ahhar imputazzoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

---

[11] Hekk jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 li ghalih jaghmel referenza l-Kapitolu 480 ghal dik li hi definizzjoni ta' arma regolari.
[12] Dok SZ7.

Illi gew prezentati zewg degrieti ta’ helsien mill-arrest: dak datat 28 ta’ Marzu 2007[13] u dak datat l-1 ta’ Dicembru 2006[14]. F’kull wiehed minn dawn iz-zewg degrieti hemm imposti diversi kundizzjonijiet fuq l-imputat. Fit-tieni degriet hawn imsemmi u cioe dak ta’l-1 ta’ Dicembru 2006 wahda mill-kundizzjonijiet tobbliga lill-imputat biex ma jikkommettiex delitt ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Din il-kundizzjoni mhiex inkluza fost il-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat permezz tad-degriet l-iehor cioe dak tat-28 ta’ Marzu 2007.

Illi la darba l-imputat, permezz ta’ din is-sentenza, qed jinstab hati ta’ diversi delitti ta’ natura volontarja li gew kommessi f’l-24 ta’ Lulju 2009, u cioe fil-perjodu ta’ helsien mill-arrest lilu akkordat permezz tad-degriet ta’l-1 ta’ Dicembru 2006, huwa kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu f’l-ghoti tal-helsien mill-arrest b’dak id-degriet. Konsegwentement din l-ahhar imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati u l-fedina penali refrettarja tieghu. Huwa car mill-fedina penali tieghu li, minkejja diversi kundanni u anke perjodi ta’ inkarcerazzjoni kif ukoll perjodi ta’ probation u liberta kundizzjonata, l-imputat ghadu ma kienx kapaci jirriabilita lilu nnifsu. Ghalhekk fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha necessarjament timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rgward tat-tieni imputazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(e) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 3 u 8 tal-Kaptiolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah tmintax il-xahar

[13] Esebit bhala Dok SZ8 a fol 219.
[14] Esebit bhala Dok FC1 a fol 243.

prigunerija u tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest mghoti bid-degriet ta’l-1 ta’ Dicembru 2006 u li s-somma ta’ tlettax il-elf disgha mija sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) ekwivalenti ghal sitt elef Lira Maltia (Lm6,000) obbligazzjoni msemija fl-istess degriet ta’l-1 ta’ Dicembru 2006 tghaddi favur il-Gvern; in oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett xhur li ghandhom jibdew jiddekkoru wara li jkun skonta l-perjodu ta’ prigunerija hawn impost, u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din l-Qorti s-somma ta’ erbgha mija u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€420.29) rapprezentanti sepejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’ l-esperti; in konkluzzjoni u b’aplikazzjoni ta’l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja ai termini ta’l-istess Kapitolu 480 ghal perjodu ta’ hames snin u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 57 ta’l-imsemmi Kapitolu 480 qed tordna l-konfiska tas-sikkina esebieta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------